Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' April, 2011

Avviz Numru. 101/2011

**Fl-atti tar-rikors ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 3253/10 fl-ismijiet:-**

**Haukur Smari Olafsson**
**vs**
**Line Young Peteri, Jesper Peterson u Martin Kang Kjaer**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Young Peteri, Jesper Peterson u Martin Kang Kjaer nhar l-24 ta' Marzu 2011 fejn ippremetta s-segwenti:-

*"1. Illi r-rikorrenti pprezenta mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi ghall-ammont ta' €3,220 (tlett elef mitejn u ghoxrin Ewro) kontra l-esponenti, u in sostenn ghall-imsemmi Mandat ta' sekwestru r-rikorrent istitwixxa kawza kontra l-esponenti quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar u din tinsab differita ghal provediment stante li sar rikors ghal soprasessjoni minhabba li l-istesss*

*esponenti bdew proceduri legali fil-Qrati Superjuri kontra l-istess rikorrenti u l-mara tieghu li tinsab appuntata ghal 10 ta' Mejju 2011.*

*2. Illi dan il-mandat kawtelatorju ma setax jinhareg, kif sejjer jigi spjegat hawn taht fil-paragrafu numru 4, u in ogni caso inhareg forivolozament, vessatorjament u kapriccjosament billi l-ammont in kontestazzjoni huwa zghir u c-cirkostanzi ta' l-esponenti kienu u huma tali li ma jaghtux lok ghal xi dubbju ragonevoli dwar il-likwidita' taghhom u dwar il-kapacita' finanzjajra taghhom li jhallsu t-talbiet tal-kreditu, specjalment meta wiehed iqis li l-esponenti huma teltt persuni, u infatti lanqas biss kienu indunaw b'dan il-mandat li inhraeg fis-17 ta' Settembru 2010 (u dan ukoll stante li lanqas gew notifikati).*

*3. Illi l-esponenti taghmel referenza ghall-**artikolu 836(1) (b) tal-Kap 12** tal-Ligijeit ta' Malta li jghid li "… l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-Qorti li tkun harget l-att kawtelatorju… … li fih titlob li l-att kawtelarorju jigi revokat, sew ghal kollox jjw f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin…. (b) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti."*

*4. Illi dan il-mandat jikser id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 849**, li fih hemm riferenza ghall-artikolu 848 tal-istess Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li ma jistax jinhareg ebda mandat ta' sekwestru kawtelatorju meta l-ammont in kontestazzjoni jkun anqas minn tlett elef erbgha mija w erbgha w disghin Ewro w sitt centezmi (€3494.06.*

*5. Illi la darba il-mandat jikser l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi, l-esponenti jhossu li huma ghandhom id-dritt li jitolbu l-protezzjoni tal-ligi ai termini tal-**artikolu 836(8) ( c)** u ghalhekk l-esponenti jissottomettu bir-rispett li huma ghandhom id-dritt li jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tnehhi l-effetti tal-imsemmi mandat.*

*6. Ghaldaqstant bir-rispett, jigi sottomess illi huwa evidenti illi t-talba tar-rikorrent ghal hrug tal-mandat odjern m'hijiex biss mhux gustifikata w lanqas sostenibbli ghar-ragunijiet*

*premessi izda li tali mandat sar bi skop uniku li jivvessa lill-esponenti u l-istess mandat jikser id-disposizzjoni tal-* ***artikolu 836(1)(b) u (f)*** *kif ukoll* ***836(8)(c) u (d) tal-kap 12*** *tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jghogobha:*

*1. Tordna t-tehhija tal-istess mandat hawn fuq riferit billi tordna li ma jibqax jissussisti;*
*2. Tikkundanna lis-sekwestrant ihallas lill-esponenti s-somma ta' mhux anqas minn elf mija w erbgha w sittin Ewro u disgha w sittin centezmu (€1164.69) u mhux aktar minn sitt elef disgha mija w tmienja w tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12) ai termini ta' dak sancit fl-***artikolu 836(8) tal-kap 12** *tal-Ligijiet ta' Malta; u*
*3. Fin-nuqqas milli tnehhi l-imsemmi mandat tordna lir-rikorrent jaghti dik il-garanzija xierqa u adegwata biex taghmel tajjeb ghad-danni li sofrew u qed isofru l-esponenti*

*U dan taht kull provvediment li dina l-Onorabbli Qorti jghogobha timponi."*

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Marzu 2011 fejn ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors lill-kontroparti u fejn appuntat ghas-smiegh l-istess rikors.

Rat in-nota tar-rikorrenti pprezentata nhar it-12 ta' April 2011 sabiex dan ir-rikors jinstema' bl-urgenza.

Rat id-digriet taghha tat-12 t'April 2011 fejn irrikjamat il-kawza ghat-18 ta' April 2011.

Semghet lill-partijiet jitrattaw ir-rikors fis-seduta tat-18 ta' April 2011.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' April 2011 fejn iddikjarat li "*hemm diskrepanza bejn l-ATT XIV tas-sena 2006 b'referenza ghall-artikolu 848 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta u dak muri fis-sit ufficcjali tal-Gvern u dan ghaleix filwaqt li fis-sit hemm indikat is-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin Ewro u sitt centesmi (€3,494.06) fl-*

*Att XIV hemm imnizzel is-somma t'elf mija w erbgha w sittin Ewro w disgha w sittin centesmu (€1,164.69)"* u ordnat li dan jigi notifikat lill-Avukat Generali sabiex jesebixxi kopja ufficcjali tal-Ligi w appuntu l-Artikolu 848 tal-Kap. 12 possibilment fi zmien erbgha w ghoxrin siegha millum.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datat 20 ta' April 2011 fejn irrileva s-segwenti:-

"*Illi skond l-Artikolu 9 tal-Att tal-1980 dwar ir-revizjoni tal-Ligijiet Statutarji-'kopja wahda ta' kull volum ta' edizzjoni ghandha tkun iffirmata mill-Presdient tal-Kummissjoni jew jekk ikun hemm Kummissarju wiehed biss, minn dak il-Kummissarju, u ghandha tkun issigillata bis-sigill Publiku ta' Malta. Dawk il-kopji ghandhom imbaghad jintbagahtu lir-Registratur tal-Qrati sabiex jigu registrati u jinzammu fl-ufficcju tieghu.'*

U ghalhekk sostna li l-Avukat Generali mhuwiex id-detentur tal-kopji ufficcjali tal-Ligijiet taht is-sigill pubbliku ta' Malta.

*Illi madankollu l-esponent qieghed jipprezenta kopja tal-* ***artikolu 848 tal-Kap 12*** *tal-ligijiet ta' Malta kif jidher fis-sit tal-internet, liema kopja pero' ghandha skont l-artikolu 11A (4) ta' l-imsemmi att titqies bhala riproduzzjoni vera tal-ligi li tkun tinkorpora kull emenda sad-data indikata fuq is-sit ta' l-internet kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja."*

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' April 2011 fejn ordnat li din ir-risposta tigi notifikata lir-Registratur tal-Qorti biex possibilment sa nhar it-tnejn 25 ta' April 2011 l-istess Registratur jipprezenta nota responsiva.

Rat ir-risposta tar-Registratur tal-Qorti Civili w Tribunali fejn issottometta s-segwenti:-

"*Illi l-esponenti jghamel referenza ghad-digrieti ta' din l-Onorabbli Qorti tad-19 ta' April 2011 u tal-20 ta' April 2011*

*u ghan-nota tal-Avukat Generali tal-20 ta' April 2011 u iddikjara li fil-pusess tieghu ghandu l-ahhar edizzjoni tal-Kostituzzjoni u l-Kodicijiet 9 u 12 kif aggornati mill-Kummissjoni tal-Ligijiet sal-31 ta' Ottubru 1999. Illi wara dik id-data l-esponenti ma inghata l-ebda edizzjoni ohra riveduta jekk kien hemm.*

*Ghal kul buon fini qed tigi prezentata kopja tal-Att tal-1980 Dwar ir-Revizjoni tal-Ligijiet Statutorji u ssir referenza partikolari ghall-artikolu 11 A (4) ta' l-istess Att.*

*Illi ghal kul buon fini qieghed jipprezenta kopja tal-Att XIV tas-2006 datat 4 t'Awissu 2006 mghoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-seduta numru 427 tas-26 ta' Lulju 2006. Qed tigi esebita wkoll kopja tal-Avviz Leagli 342 tat-2008 li b'effett tieghu mill-1 ta' Jananr 2009 gie in vigore l-artikolu 93 tal-imsemmi Att li jemenda l-atikolu 848 tal-kodici."*

Rat illi fis-seduta tat-28 t'April l-intimat u l-avukat difensur tieghu ma dehrux, u li r-rikorrenti nghata zmien mill-Qorti sabiex jiehu konjizzjoni tal-atti prezentati wara d-digriet taghha fil-mori tad-differiment.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-Ligi u l-Avvizi Legali in kwistjoni, li emendaw l-artikolu tal-Ligi in kwistjoni, w cioe' l-Artikolu 848 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-**artikolu 848 tal-Kap 12** li huwa applikabbli ghal mandat kawtelatorji tramite l-**artikolu 849 tal-Kap 12** gie emendat l-ahhar bl-Att tal-Parlament numru XIV tas-sena 2006 appuntu bl-**artikolu 93** li jiddisponi s-segwenti:-

" Fl-**artikolu 848** tal-Kodici minflok il-kliem '*jekk, meta l-kreditu'* sa '*jigu kanonizzat b'sentenza*' ghandhom jidhlu l-kliem '*kemm-il darba l-mandat ma jsirx flimkien ma' talba sabiex il-kreditu jew il-pretensjoni jigu kanonizzati b'sentenza, u sakemm il-kreditu jew il-pretensjoni ma jkunx aktar minn hames mitt lira, jew it-talba ghall-hrug ta'*

*dak il-mandat hi ghal xi haga li, kif jinghad, hi l-proprjeta' tal-persuna li tkun qed tohrog il-mandat*".

Illi ghalhekk jidher car u manifest li l-**Artikolu 93** ta' dan l-Amending Act, kjarament jirreferi ghall-ammont li ma jeccedix il-hames mitt lira Maltin (LM500) illum ekwivalenti ghal elf mija w erbgha w sittin Ewro u disgha w sittin centezmu (€1164.69).

Issa jirrizulta wkoll li meta sena wara l-Avviz Legali 407 tas-sena 2007 gie ppublikat fejn, il-htiega tieghu kienet li jikkonverti l-ammonti kollha msemmija fil-kodici minn Liri Maltin ghal Ewro, il-frazi li kellha tinbidel fl-**Artikolu 848** giet riprodotta hazin fit-tielet kolonna, w dan ghaliex gie miktub "*meta il-kreditu jew il-pretensjoni ma jkunx aktar minn hamsin lira".* Izda peress li fil-Parent Act ma hemm l-ebda frazi li ssemmi hamsin lira (LM50), l-ammenda korrispettiva minn hamsin Lira Maltin (LM50)ghal elf mija w sebgha w sittin Ewro u sebgha w erbghin centezmu (€1167.47) ma setghet qatt ikollha effett.

In oltre il-Qorti rat ukoll dak li hemm dispost fl-**artikolu 11A (4) tal-Att tal-1980** dwar ir-revizjoni tal-ligjiet statutorji li jiddisponi is-segwenti:-

"*Kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja it-test ta' kull ligi pubblikata fuq sit tal-Internet sknd dan l-artikolu ghandu jitqies li jkun riproduzzjoni vera tal-ligi li tkun inkorporata kull emenda sad-data indikata fuq is-sit tal-Internet."*

Illi ghalhekk din il-ligi tipprovdi regola generali fis-sens li l-Ligijiet fuq l-*web site* ufficcjali tal-Gvern huma vera kopja tal-ligijiet, salv jekk ma tingiebx prova kuntrarja. Issa f'dan il-kaz ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti rat li r-Registratur tal-Qorti w l-Avukat Generali ma esebew l-ebda dokument li jmur kontra l-ispirtu ta' l-istess ligi imsemmija mill-Avukat Generali u mir-Registratur tal-Qorti fin-noti rispettivi taghhom.

Rat dak li jiddisponi l-artikolu 8 (1) ta' l-istess Att fuq imsemmi dwar ir-revisjoni tal-ligijiet statutorji li jiddisponi s-segwenti:-

*"(1) Edizzjoni riveduta ghandha tibda fis-sehh f'dik id-data li l-Ministru jista' jistabilixxi b'avviz fil-Gazetta.*
*(2) Mid-data tal-bidu fis-sehh ta' edizzjoni riveduta, dik l-edizzjoni titqies li hija u li tkun, bla ma jista' jkun hemm kwistjoni fuq daqshekk fil-Qrati kollha tal-gustizzja u ghall-finijiet kollha, it-test wahdieni tajjeb u awtentiku tal-ligijiet statutorji mdahlin fl-edizjoni kif ikunu isehhu f'dik id-data li l-Ministru jispecifika fil-Gazzetta, izda bla hsara ghal kull emendi li jkunu saru ghalihom jew xi thassir taghhom li jkun sar wara dik id-data.*

*Izda meta tigi publikata edizzjoni riveduta f'format elettroniku, dik l-edizzjoni ghandha tkun it-test uniku u biss ideoneu u awtentiku tal-ligijiet statutorji inkluzi fiha,* *(sottolinear ta' din il-Qorti) , b'dan illi kopja ta' dik l-edizzjoni jew ta' xi parti minnha, stampata fuq il-karta jew f'xi ghamla ohra u mahruga mill-kummissjoni, ghandha, sakemm din tkun tikkonforma mal-edizjoni riveduta stampata f'format elettroniku ukoll tkun test awtentiku tal-ligijiet inkluzi f'dik il-kopja."*

Illi il-Qorti ma tistax tifhem kif fil-*website* tal-Gvern hemm imnizzel l-ammont ta' tlett elef erbgha mija w erbgha w disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06) u ma tirreflettix dik riprodotta fl-Att XIV tas-sena 2006 u cioe' l-ammont hemm indikat ta' elf mija w erbgha w sittin Ewro u disgha w sittin centezmu (€1164.69).

Illi peress li skond ir-revizjoni tal-ligjiet statutorji il-format elettroniku ghandu jkun it-test uniku u idoneju u awtentiku tal-ligijeit il-Qorti thoss li t-talba rikorrenti ghandha tigi milqugha b'dan illima jistax jinhareg mandate kawtelatorju ghas-somma inqas minn tlett elef erbgha mija w erbgha w disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06) .

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju jew mandat ta' Qbid qatt ma jista' jinhareg mill-Qrati tal-Magistrati ghal somma inqas minn tlett elef

erbgha mija w erbgha w disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06) u ghalhekk peress li l-ammont imsemmi fil-mandat ta sekwestru numru 3253/10 huwa inqas minn tlett elef erbgha mija w erbgha w disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06) it-talba rikorrenti ghandha tigi milqugha

**Ghaldaqstant din il-Qorti tiddikjara li qed tilqa' it-talbiet rikorrenti ghar-ragunijiet fuq premessi, b'dan illi <u>tiddikjara li mandat kawtelatorju numru 3253 fl-ismijeit inversi huwa illegali.</u>**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati sabiex jindirizza dan in-nuqqas.**

**Minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tordna li l-ispejjez ikunu bla taxxa.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------